DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2058

tat-13 ta' Novembru 2015

li temenda u tikkoreġi d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/144 li tistabbilixxi l-proċeduri għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal għotjiet u talbiet ta' ħlas, u t-tagħrif marbut ma' dawn, fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza kontra l-mard tal-annimali msemmi fir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(notifikata bid-dokument C(2015) 7807)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet għall-ġestjoni tan-nefqa marbuta mal-katina alimentari, mas-saħħa tal-annimali u mat-trattament xieraq tal-annimali, u marbuta mas-saħħa tal-pjanti u mal-materjal riproduttiv tal-pjanti, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 98/56/KE, 2000/29/KE u 2008/90/KE, ir-Regolamenti (KE) Nru 178/2002, (KE) Nru 882/2004 u (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 66/399/KEE, 76/894/KEE u 2009/470/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 36(5) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/144 [2] tistabbilixxi l-proċeduri għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal għotjiet u talbiet ta' ħlas, u t-tagħrif marbut ma' dawn, fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza kontra l-mard tal-annimali elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 652/2014.

(2) Fil-verżjonijiet tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144 bil-lingwa Bulgara, Ċeka, Daniża, Olandiża, Ingliża, Estonjana, Finlandiża, Franċiża, Ġermaniża, Griega, Ungeriża, Taljana, Latvjana, Maltija, Pollakka, Portugiża, Rumena, Slovakka, Slovena, Spanjola, u Żvediża, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 jirreferi għall-"mard elenkat fl-Anness I ta' dak ir-Regolament." Peress li mhuwiex indikat f'dawk il-verżjonijiet lingwistiċi għal liema Regolament l-Anness I jappartjeni, hemm bżonn ta' kjarifika billi ssir referenza ċara għar-Regolament (UE) Nru 652/2014. Barra minn hekk, fil-verżjoni bil-lingwa Kroata dak il-paragrafu għandu test differenti li jirreferi wkoll għall-Artikolu 6(1) tar-Regolament (UE) Nru 652/2014. Għalhekk, il-verżjoni bil-lingwa Kroata jeħtieġ li tiġi allinjata mal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra.

(3) L-Artikolu 3(b) tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144 jistipula li l-Istati Membri jridu jippreżentaw lill-Kummissjoni informazzjoni dettaljata dwar l-ispejjeż li tappoġġa t-talba għall-ħlas u dwar l-ispejjeż li jkunu saru u thallsu fil-kategoriji differenti tan-nefqiet eliġibbli skont il-mudell stabbilit fl-Anness IV ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni. Sabiex jiġi adattat dan il-mudell għal dan ir-rekwiżit, huwa meħtieġ li jiġu introdotti fit-Taqsima intitolata "Operazzjonali — Talba ta' rimborż" kategorija ġdida li tagħti d-dettalji tal-ispejjeż għax-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni, id-distribuzzjoni tal-vaċċini u tal-lixka, kif ukoll l-ispejjeż ta' inokulazzjkoni. Barra minn hekk, din it-Taqsima għandha tingħata l-isem ġdid ta' "Spejjeż operazzjonali — Talba ta' ħlas" skont ir-Regolament (UE) Nru 652/2014.

(4) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144 u l-Anness IV tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144 għandhom jiġu emendati u kkoreġuti kif xieraq.

(5) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

[1] ĠU L 189, 27.6.2014, p. 1.

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/144 tat-28 ta' Jannar 2015 li tistabbilixxi l-proċeduri għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet għal għotjiet u talbiet ta' ħlas, u t-tagħrif marbut ma' dawn, fir-rigward tal-miżuri ta' emerġenza kontra l-mard tal-annimali msemmi fir-Regolament (UE) Nru 652/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 24, 30.1.2015, p. 17).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Korrezzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144

Fl-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144, l-ewwel paragrafu jinbidel b'dan li ġej:

"Fi żmien 30 jum wara li tiġi kkonfermata uffiċjalment tifqigħa ta' waħda mill-mardiet elenkati fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 652/2014, l-Istati Membri għandhom jagħtu tagħrif preliminari dwar il-kategoriji ta' annimali u l-prodotti kkonċernati u l-valuri tas-suq għal kull waħda minn dawn il-kategoriji, permezz ta' fajl elettroniku mfassal fuq il-mudell stabbilit fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni."

Artikolu 2

L-emendar tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144

Fl-Anness IV tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/144, it-Taqsima intitolata "Operazzjonali — Talba ta' rimborż" tinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

L-indirizzati

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Novembru 2015.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

“SPEJJEŻ OPERAZZJONALI — TALBA TA’ ĦLAS

Id-data ta’ skadenza għas-sottomissjoni:	Mal-adozzjoni tad-Deċiżjoni dwar il-Finanzjament, sitt xhur wara d-data tat-tmiem jew tal-konferma li l-marda nqerdet, liema tiġi l-ewwel.

Referenza tat-tifqigħa	SM/MARDA/SENA

It-tbiċċir u l-qtil				
In-numru tal-ADNS	In-numru tal-azjenda	L-ammont tal-fattura minbarra l-VAT	Isem il-fornitur	Id-data tal-ħlas
Total				

It-tindif, il-qerda tal-insetti u d-diżinfettar (tal-azjendi u tat-tagħmir)				
In-numru tal-ADNS	In-numru tal-azjenda	L-ammont tal-fattura minbarra l-VAT	Isem il-fornitur	Id-data tal-ħlas
Total				

It-trasportazzjoni u l-qerda tal-għalf u tat-tagħmir ikkontaminati				
In-numru tal-ADNS	In-numru tal-azjenda	L-ammont tal-fattura minbarra l-VAT	Isem il-fornitur	Id-data tal-ħlas
Total				

Ix-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni, id-distribuzzjoni tal-vaċċini u tal-lixka kif ukoll l-ispejjeż ta' inokulazzjkoni nnifisha								
In-numru tal-ADNS	L-ispejjeż tax-xiri			L-ispejjeż tal-ħżin	L-ispejjeż tal-amministrazzjoni	L-ispejjeż tad-distribuzzjoni tal-vaċċini u tal-lixka	L-ispejjeż tal-inokulazzjoni	Id-data tal-ħlas
	L-għadd ta' dożijiet ta' vaċċini użati	It-tip ta' vaċċin	In-numru ta' dożijiet ta' vaċċini					
Total								

It-trasportazzjoni u r-rimi tal-karkassi				
In-numru tal-ADNS	In-numru tal-azjenda	L-ammont tal-fattura minbarra l-VAT	Isem il-fornitur	Id-data tal-ħlas
Total				

Spejjeż oħrajn li huma essenzjali biex tinqered il-marda				
In-numru tal-ADNS	In-numru tal-azjenda	L-ammont tal-fattura minbarra l-VAT	Isem il-fornitur	Id-data tal-ħlas
	Total			

TOTAL	
It-tbiċċir u l-qtil	
It-tindif, il-qerda tal-insetti u d-diżinfettar (tal-azjendi u tat-tagħmir)	
It-trasportazzjoni u l-qerda tal-għalf u tat-tagħmir ikkontaminati	
Ix-xiri, il-ħżin, l-amministrazzjoni jew id-distribuzzjoni tal-vaċċini	
It-trasportazzjoni u r-rimi tal-karkassi	
Spejjeż oħrajn li huma essenzjali għall-qerda tal-marda (speċifika)	
Total”	